# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Farncesco Depasquale LL.M., IMLI), LL.D.

## Illum il-Hamis 25 ta' Mejju, 2017.

**Kump Nru. 91/17 (Drogi)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**Vs**

**Christopher Schembri**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Schembri, 34 sena, iben Anthony u Jacqueline nee' Spiteri, imwieled tal- Pieta` nhar it- 3 ta Lulju 1982, residenti gewwa 57, triq Sant`Elena Sliema, detentur tal- karta tal- identita Maltija bin-numru 362782M

Talli nhar l- 24 ta Mejju 2017, gewwa dawn il- gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**

3. naqas milli jhares il- kundizjonijiet imposta fuqu mil- Qorti tal Magistrati Malta li bih inghata il- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-Artiklu 579 tal- kodici kriminali kap 9 tal- ligijiet ta Malta.

4. Akwista, jew kellu fil- pussess tieghu, jew zamm, jew importa arma regolari u munizjon kif imsemmi fl- ewwel skeda tal- kap 480 tal- ligijiet ta' Malta.

5. Laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jeq akwista b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mob indahal biex ibieghhom jew imexxijhom.

6. Kif wkoll talli wara li gie kundanat ghal- serq jew ricetazjoni, instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serreturi jew oggetto ohra minhajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legitament ghandu

7. talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

8. kif wkoll talli irrenda ruhu recidiv, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 4 u 6 tal-Kap 101, l-Artikli 49, 50, 334 u 579 u l-Artiklu 533 (1) tal-kodici kriminali Kap 9, kif wkoll l-Artikolu 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Rat il-verbal tallum;

Rat is-Sentenza tal-11 ta' Novembru, 2013;

In vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Issib lill-akkuzat Christopher Schembri hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u qieghda ddahhal in effett is-Sentenza 11 ta' Novembru, 2013, u wara li rat dan qieghdha tikkundanna lill-akkuzat piena karcerarja komplessiva ta' tlett snin, li tinkludi wkoll is-sentejn tas-sentenza fuq imsemmija, kif wkoll timmultah multa komplessiva ta' €1,700.

Il-Qorti tistieden lill-Awtoritajiet tal-habs, sabiex jghatu l-kura mehtiega lil Christopher Schembri sabiex jikkura d-dipendenza li ghandu tad-droga.

Il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez peritali a tenur tal-Art. 533 (1) tal-Kap.9 ta' l-inkjesta li nzammet in konnessjoni mal-akkuzi hawn fuq indikati.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**